MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 3/2003/1

**Maria Rosaria Mintoff, Rita Mintoff u Anthony Mintoff, ilkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Mintoff (u b'digriet tat-23 ta' Mejju, 2003 minhabba l-mewt ta' Maria Rosaria Mintoff l-atti gew trasfuzi f'isem l-imsemmija Rita Mintoff)**

**v.**

**Avukat Generali u Annunziata sive Nancy, Frances, Reno**
**sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech u Gianna Vella**

**armla ta' Francis, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju, 2004. Permezz ta' rikors migjub quddiem dik il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2003 l-eredi ta' Joseph Mintoff talbu lill-Prim Awla:

**"…joghgobha tiddikjara illi c-cahda da parti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li tammetti provi intizi biex jirribattu l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta' appell favur l-appellanti tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tiddikjara li tali provi ghandhom jigu ammessi a bazi tal-principju ta' 'equality of arms'."**

Ir-rikorrenti Mintoff spjegaw kif kollox beda b'rikors li gie ppresentat minn Annunzjata sive Nancy Grech u l-intimati l-ohra quddiem il-Bord li Jirregola l-Qbiela ghal Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. B'dan ir-rikors l-imsemmija Grech u l-intimati l-ohra talbu r-ripresa tal-pussess ta' art agrikola fl-Ghasri u l-azzjoni tmexxiet kontra Joseph Mintoff. Dan ir-rikors – li kien igib in-numru 1/92 – kien qed jinstema' kontestwalment ma' rikors iehor – bin-numru 12/91 – fl-ismijiet *Annunziata sive Nancy Grech et v. Anthony Mintoff* [1]. B'sentenza tat-3 ta' Dicembru, 1997 il-Bord

[1] Fil-fatt illum stess qed tinghata wkoll is-sentenza fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet ***Anthony Mintoff v. Avukat Generali u Annunziata sive Nancy, Francis, Reno sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech, u Gianna Vella armla ta' Francis Vella, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella*** – Rik. Kost. 2/03 TM. Daw iz-zewg kawzi kostituzzjonali huma, hlief ghall-partijiet, identici f'kollox – ir-rikorsi promotorji (ossia fatti, kawzali, talba) u r-rikors ta' appell huma kopja ta' xulxin. Iz-zewg kawzi jirreferu ghall-istess "incidenti" li allegatament sehhew quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) meta kienet qed tisma' l-appell fir-rikors 12/91 minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Qbiela ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna. U anke il-Prim Awla tal-Qorti Civili, meta tat is-sentenza taghha fil-kawza *de quo*, jigifieri fir-rikors 3/03 TM semplicement ghamlet referenza ghas-sentenza taghha fil-kawza l-ohra, cioe` fil-kawza 2/03 TM. Fil-fatt, kif jirrisulta mill-verbal tat-13 ta' Frar, 2003 fil-kawza l-ohra (2/03 – fol. 12), id-difensur ta' Anthony Mintoff (li huwa wkoll id-difensur taz-zewg appellanti fil-kawza odjerna) kien talab li z-zewg kawzi kostituzzjonali allura pendenti quddiem il-Prim Awla jigu trattati u decizi kontestwalment; u l-ewwel Qorti, wara li rrikjamat ghal

cahad it-talba ghar-ripresa tal-pussess, u minn din is-sentenza sar appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Ir-rikors promotorju ikompli hekk:

**“Illi fi stadju ta’ appell, f’zewg seduti konsekuttivi gew ammessi u prodotti provi favur l-appellanti Annunziata Grech et.**

**“Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, wara li ammettiet tali provi favur l-appellanti, irrifjutat li tippermetti lill-esponenti jipproducu provi biex jirribattu l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta’ appell favur l-appellanti.**

**“Illi fit-12 ta’ Novembru 1998 gie ppresentat rikors fejn l-appellat talab li jigu ammessi tali provi minhabba l-principju ta’ ‘equality of arms’, izda xorta wahda l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irrifjutat l-ammissjoni ta’ provi min-naha ta’ l-appellat.**

**“Illi dan jikkostitiwixxi vjolazzjoni tal-principju ta’ ‘equality of arms’ u konsegwentement vjolazzjoni tal-principju ta’ smiegh xieraq skond l-art. 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.”**

Dan hu, mela, l-ilment tar-rikorrenti, illum appellanti, Anthony Mintoff u Rita Mintoff, u cioe` li l-mod kif imxiet il-Qorti ta’ l-Appell (fis-smigh ta’ l-appell mis-sentenza tal-Bord) kien leziv tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq u dan specifikatament minhabba li ma giex osservat il-principju tal-“equality of arms”. Mhix qed tigi, ghalhekk, attakkata xi disposizzjoni tal-ligi li a bazi taghha l-ewwel il-Qorti ta’ l-Appell, espressament jew implicitament, agixxiet.

B’sentenza moghtija fis-7 ta’ Lulju, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrenti Rita Mintoff u Anthony Mintoff, u dan wara li ghamlet referenza ghall-motivazzjonijiet fis-sentenza minnha moghtija dak inhar

quddiemha il-kawza 3/03 li kienet quddiem gudikant iehor, ipprocediet adezivament ghat-talba. Ara wkoll il-verbal tal-udjenza tas-7 ta’ Frar, 2003 f’din il-kawza 3/03 (fol. 14).

stess fil-kawza fl-ismijiet ***Anthony Mintoff v. Avukat Generali u Annunzjata sive Nancy, Frances, Reno sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech u Gianna Vella armla ta' Francis Vella, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella*** (Rik. Kost. 2/03 TM). Peress li, kif diga mfisser fin-nota *in calce* nru. 1, iz-zewg kawzi kostituzzjonali huma identici f'kollox, hlief ghall-partijiet, u peress li ghalhekk il-meritu tal-kawza odjerna gie deciz illum stess fil-kawza Rikors Kostituzzjonali 2/03 TM, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni qed taghmel referenza ghall-motivazzjonijiet f'dik is-sentenza (li kopja taghha qed tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha), u konsegwentement ghar-ragunijiet imfissra f'dik is-sentenza l-ohra, tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Deputat Registratur
gr

<u>Appendici</u>

Kopja tas-sentenza kostituzzjonali moghtija llum, 14 ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet: ***Anthony Mintoff v. Avukat Generali u Annunzjata sive Nancy, Frances, Reno sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech u Gianna Vella armla ta' Francis Vella, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella*** (Rik. Kost. 2/03 TM).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------